# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 17 ta' Jannar 2023**

**Kawza Numru: 9**

**Rikors Guramentat Numru:- 849/2022 JVC**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli, fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti Haya Al Brahim *sive* Haya Alibrahim li ghandha Passaport Malti bin-numru MT032454**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn l-Avukat Kevin F. Dingli fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti Haya Al Brahim sive Haya Alibrahim li talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti Haya Al Brahim *sive* Haya Alibrahim, kif debitament rappresentata, twieldet fir-Riyadh, Renju tal-Arabja Sawdita' fit-12 ta' Dicembru 2003, u dana skond ma jirrizulta mill-Att tat-Twelid li jgib in-numru tar-registrazzjoni 1066-00203161 registrat u mahrug mill-Ministeru tal-Intern u Affarijiet Civili fir-Riyadh, li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tad-traduzzjoni tieghu bl-ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument "A";**

2. Illi fis-26 ta' Ottubru 2016 ir-rikorrenti, ottjeniet permezz tar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (S.L.188.03), ic-Cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, u dan skont id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta), kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument "B".**

5. Illi sussegwentement bhala parti mill-process ghall-ksib tac-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, fuq talba tar-rikorrenti, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti fis-27 ta' Ottubru 2016 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 5993, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala **Dokument "C';**

6. Illi kif jidher mill-istess certifikat suriferit tal-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 5993 datat is-27 ta' Ottubru 2016, kunjom ir-rikorrenti fuq l-istess att gie registrat bhala "Al Brahim", u dan skond il-traduzzjoni bl-ingliz li inharget u li

inghatat mir-rikorrenti lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku intimat ghal finijiet tar-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent f' Malta; **- "<u>Dokument D";</u>**

7. Illi ghalkemm kunjom ir-rikorrenti huwa u minn dejjem kien "Alibrahim", fl-Att tat-Twelid f' Malta mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku l-kunjom gie registrat bhala "Al Brahim";

8. Illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma qeda tghid u/jew tallega li sar xi zball minn naha tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku meta rregistra l-kunjom tar-rikorrenti bhala "Al Brahim" minflok "Alibrahim" u dan ghaliex l-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku mexa "ad verbatim" ma l-informazzjoni kollha misjuba fit-traduzzjoni bl-ingliz tal-Att Esteru.
`

9. Illi kif tispega tajjeb ir-rikorrenti fl-affidavit taghha anness u mmarkat bhala **<u>"Dokument E",</u>** il-mod li bih isiru it-traduzzjonijiet tal-ismijiet gharbin, huwa ferm kumplikat u kumpless hafna, u ma tezisti l-ebda regola fissa u konsistenza fil-mod ta' kif dawn l-ismijiet u kunjomijiet jigu tradotti u bhala fatt l-ismijiet u l-kunjomijiet gharbin jigu tradotti b' mod legger hafna. Ezempju car huwa l-isem "Alibrahim" (kemm bhala isem kif ukoll bhala kunjom), fejn jista jinstab miktub f' diversi modi, ezempju fosthom Al-Brahim, Al Brahim, Alibrahim u Brahim. Prova ta' dan huma dokumenti annessi mal-affidavit tal-esponenti, fejn hija ghamlet riferenza u ukoll ipproduciet diversi dokumenti ufficjali mahruga f' Malta tal-membri tal-familja tal-esponenti, partikolarment dokumenti mahruga a favur missierha Waleed Ibrahim A Al Brahim u hutha, meta dawn kisbu ic-Cittadinanza Maltija fl-istess gurnata mal-esponenti, u kif il-kunjom taghhom gie hekk registrat f' Malta b' versjonijiet differenti mal-kisba tac-Cittadinanza Maltija taghhom.

10. Illi difatti kunjom ir-rikorrenti huwa indikat bhala **"Alibrahim"** f' diversi dokumenti ufficjali li r-rikorrenti ghamlet riferenza ghalihom fl-affidavit taghha hawn fuq referit, mmarkat bhala "Dokument E", u cioe; **(i)** fil-passaport mahrug fit-28 ta' Ottubru 2013 mir-Renju tal-Arabja Awdita li kopja awtentika tieghu tinsab annessa mal-istess affidavit u mmarkat bhala **Dokument "MA-6";** **(ii)** fil-passaport mahrug fit-8 ta' Frar 2018 mir-Renju tal-Arabja Awdita li kopja awtentika tieghu tinsab annessa mal-istess affidavit u mmarkat bhala **Dokument "MA-7";** **(iii)** fil-Privilege Healthcare Policy – Membership Card number 13/XXV/30320/0, li kopja awtentikata taghha tinsab annessa u mmarkata bhala **Dokument "MA-8"**; **(iv)** fil-Pearson Btec Diploma Programme - datat 10 ta' Awissu 2022, li kopja tieghu tinsab annessa u mmarkat bhala **Dokument "MA-9";** **(v)** fis-Civil Status – Family Register mahrug mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita li jgib id-data tal-20 ta' Marzu 2014 flimkien mas-Citizens Data li kopja tieghu tinsab annessa u mmarkat bhala **Dokument "MA-10";** **(vi)** il-Card tar-Residenza mahruga mill-Emirati Gharab Maghquda bin-numru 78420038748090-6 li tiskadi fis-6 ta' Gunju 2026, li kopja awtentika taghha tinsab annessa mal-istess affidavit u mmarkat bhala **Dokument "MA-11";**

9. lli ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq illi ssir korrezzjoni tal-kunjom fl-Att tat-Twelid taghha kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-27 ta' Ottubru 2016 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5993, sabiex jirrifletti l-kunjom li bih l-istess rikorrenti hija b' mod ufficjali u konsistentement maghrufa u msejjha u cioe' dak ta' "Alibrahim", u dana anke sabiex ikun hemm konsistenza fid-dokumenti ufficjali mahruga fir-rigward

tar-rikorrenti nomine u biex b' hekk tigi evitata ukoll kull possibilita' ta' inkonsistenza u konfuzjoni fl-identita'.

12. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponenti nomine titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, ghar-ragunijiet premessi :-

1 Tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5993 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-27 ta' Ottubru 2016, billi l-kunjom tar-rikorrenti "Al Brahim" jigi sosstitwit b' "**Alibrahim**", u dana sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrenti hija ufficjaliment u konsistentement maghrufa u msejjha, l-isem shih tal-istess rikorrenti jigi jinqara Isem: **"Haya"** u Kunjom: "**Alibrahim**", u konsegwentement

2 Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili; u konsegwentement ukoll

3. Tordna illi l-bdil effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrenti in segwitu ghall-korrezzjoni u reġistrazzjoni relattiva jiġi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat ċivili iehor relattiv għall-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat illi minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti;

3. Illi r-rikorrenti pproċediet bil-kawża istanti sabiex titlob korrezzjoni fil-kunjom li jidher fuq l-Att tat-Twelid lokali tagħha innumerat 5993/2016. F'dan il-każ, ir-rikorrenti nnifisha stqarret fil-premessi tar-rikors promotur tagħha li ma sar ebda żball da parti tal-esponent, stante illi d-dettalji tagħha fl-imsemmi Att tat-Twelid jirriproduċu ad verbatim id-dettalji li jidhru fit-traduzzjoni tal-Att tat-Twelid tagħha maħruġ mill-awtoritajiet tas-Saudi Arabia, li ġiet ipprovduta lill-intimat flimkien mat-talba għar-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tagħha;

4. Illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-esponent jissottometti illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però illi l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

5. Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva

tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv. Qed jiġi kkjarifikat ukoll li f'każ li eventwalment ir-rikorrenti titlob li jiġu rreġistrati f'Malta atti tal-istat ċivili li jsiru barra minn Malta, ir-reġistrazzjoni ssir ai termini tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta, billi l-esponent jirriproduċi ad verbatim id-dettalji li jkunu jidhru fl-Att esteru, u għalhekk l-informazzjoni li tidher f'tali atti mhix fil-kontroll tal-esponent;

6. Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tal-esponent u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat il-bosta dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat;

Rat ukoll in-nota b'affidavit prezentata mir-rikorrenti;

Rat illi saret id-debita publikazzjoni esebita a fol. 110 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Illi mid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent nomine u partikolarment mill-affidavit ta' missier ir-rikorrenti Waleed Ibrahim A Al Brahim jirrizulta illi verament ir-rikorrenti hija

mwielda bil-kunjom 'Alibrahim' u mhux bil-kunjom 'Al Brahim' kif indikat fic-certifikati mahruga mid-Direttur intimat.

Illi jirrizulta li dan l-izball ma sarx tort jew responsabbilta' ta' l-intimat izda ghaliex sar zball fit-traduzzjoni tad-dokumenti tar-rikorrenti.

Illi in vista ta' dak suespost il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz.

2. Tilqa' l-ewwel talba u tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 5993 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fis-27 ta' Ottubru 2016, billi l-kunjom tar-rikorrenti "Al Brahim" jigi sosstitwit b' "**Alibrahim**", u dana sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrenti hija ufficjaliment u konsistentement maghrufa u msejjha, l-isem shih tal-istess rikorrenti jigi jinqara Isem: "**Haya**" u Kunjom: "**Alibrahim**"

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent illi

jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili;

4. Tilqa′ t-tielet talba sakemm din tirreferi ghal atti fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat.

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b′kopja tas-sentenza ta′ din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**17 ta′ Jannar 2023**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta′ Jannar 2023**